A.L. 394 tal-2018

ATT DWAR IT-TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR (KAP. 551)

Regolamenti tal-2018 dwar eżenzjoni mit-taxxa tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 tal-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu r- r-Regolamenti tal-2018 dwar eżenzjoni mit- taxxa tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li ġew fis-seħħ fl-4 ta' April 2016.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

Kap. 551.

"l-Att" tfisser l-Att ta' dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar;

"Tribunal" tfisser Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.

Jemenda l-Att.

3. Minnufih wara l-artikolu 55 għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Eżenzjoni.

56. It-Tribunal ikun eżentat minn kull obbligu għall-ħlas ta' taxxa fuq id-dħul jew taxxa tal-boll taħt kull liġi li tkun fis-seħħ f'dak iż-żmien f'Malta.".